REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/986

tat-3 ta' April 2018

li jemenda r-Regolament (UE) 2015/504 fir-rigward tal-adattament tad-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija għal-limiti tal-Istadju V

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 22(4), il-paragrafi 2, 3 u 6 tal-Artikolu 25, l-Artikolu 27(1), l-Artikolu 33(2) u l-Artikolu 34(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/504 ([2]) jistabbilixxi, *inter alia*, il-mudelli għal ċerti dokumenti li jridu jitħejjew fil-kuntest tal-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) iħassar id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u jintroduċi rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati (Stadju V) għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq.

(3) B'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, il-limiti tal-emissjonijiet tal-Istadju V stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1628 japplikaw ukoll għall-ittestjar tal-vetturi agrikoli u forestali. L-applikazzjoni ta' dawk il-limiti hija posposta skont l-iskeda stabbilita fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/1628.

(4) Għalhekk jeħtieġ li l-mudelli stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/504 jiġu emendati u allinjati ma' dawk stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/656 ([5]).

(5) Biex jiġu rfinuti r-rekwiżiti amministrattivi, jenħtieġ li jsiru emendi minuri addizzjonali għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/504 biex jipprevedi l-approvazzjoni tas-subassemblaġġi elettriċi/elettroniċi bħala komponent u biex jiddaħħal rekwiżit għal informazzjoni aktar komprensiva għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tat-trażmissjoni u tal-apparat tal-ibbrejkar għall-vetturi rmunkati.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013,

([1]) ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/504 tal-11 ta' Marzu 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 85, 28.3.2015, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE, (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

([4]) Id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-ligijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq (ĠU L 59, 27.2.1998, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/656 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u mal-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 102, 13.4.2017, p. 364).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/504 huwa emendat kif ġej:

(1) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

"*Artikolu 12a*

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali rigward il-magni

Fir-rigward tal-magni b'approvazzjoni tat-tip minn qabel l-1 ta' Jannar 2018, inkella qabel l-1 ta' Jannar 2019 fil-każ ta' magni tas-subkategoriji NRE-v-5 u NRE-c-5, id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan ir-Regolament, fil-verżjoni applikabbli tiegħu fis-6 ta' Awwissu 2018, għandhom jibqgħu japplikaw:

— Anness I, Parti A;

— Anness I, Parti B, punt 4.2;

— Anness I, Parti B, punt 5, l-entrati 2.2.2, 2.5 sa 2.5.4.2, 5.2 sa 5.5 u 6 sa 8.22.4.2;

— Anness I, Appendiċijiet 1 sa 9;

— Anness I, Appendiċi 10, entrata 2.2.2;

— Anness I, Appendiċijiet 11 sa 14;

— Anness I, Appendiċi 15, entrata 2.2.2;

— Anness I, Appendiċijiet 16 sa 23;

— Anness I, noti ta' spjegazzjoni dwar id-dokument ta' informazzjoni (6), (7), (9), (12), (24), (26), (29), (39), (40), (49) u (56);

— Anness II, punt 2.1.1;

— Anness II, nota ta' spjegazzjoni dwar l-Anness II (4);

— Anness III, Appendiċi 1, Mudell 1 tat-Taqsima 2, l-entrati taħt it-titolu 'Karatteristiċi Ġenerali tas-Sistema tal-Motopropulsjoni';

— Anness III, Appendiċi 1, Mudell 1 tat-Taqsima 2, l-entrati taħt it-titolu 'Magna';

— Anness III, Appendiċi 1, Mudell 1 tat-Taqsima 2, it-test taħt it-titolu 'Ir-riżultati tat-testijiet tal-ħruġ ta' duħħan mill-vettura (inkluż il-fattur ta' deterjorament)', it-tieni u r-raba' inċiżi tal-ewwel paragrafu;

— Anness III, Appendiċi 1, Mudell 1 tat-Taqsima 2, it-test taħt it-titolu 'Ir-riżultati tat-testijiet tal-ħruġ ta' duħħan mill-vettura (inkluż il-fattur ta' deterjorament)', it-tabella;

— Anness III, Appendiċi 1, noti ta' spjegazzjoni marbuta mal-Appendiċi 1, bl-eċċezzjoni tan-nota ta' spjegazzjoni (32);

— Anness IV;

— Anness V, Appendiċi 2, noti ta' spjegazzjoni marbuta mal-Appendiċi 2;

— Anness V, Appendiċi 4;

— Anness V, Appendiċi 5;

— Anness VII, Appendiċi 1, bl-eċċezzjoni tal-punt 1 u l-ewwel inċiż tat-test taħt il-punt 2;

— Anness VIII, bl-eċċezzjoni tal-punt 3.2, it-tabella 8-1, it-tieni ringiela.";

(2) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(3) L-Anness II huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(4) L-Appendiċi 1 tal-Anness III huwa emendat skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(5) L-Anness IV huwa emendat skont l-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(6) L-Anness V huwa emendat skont l-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(7) L-Anness VI huwa emendat skont l-Anness VI ta' dan ir-Regolament;

(8) L-Appendiċi 1 tal-Anness VII huwa emendat skont l-Anness VII ta' dan ir-Regolament;

(9) L-Anness VIII huwa emendat skont l-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/504 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-lista ta' appendiċijiet, ir-ringiela marbuta mal-Appendiċi 10 hija sostitwita b'dan li ġej:

"10	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-kompatibbiltà elettromanjetika tas-subassemblaġġi elettriċi jew elettroniċi bħala komponent/unità teknika separata (STU)"	

(2) Il-parti A hija emendata kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt 1.4 li ġej:

"1.4. Fil-każ tal-magni, għandu jiġi pprovdut il-folder tal-informazzjoni u d-dokument ta' informazzjoni msemmija fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/656 (*).

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/656 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u mal-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 102, 13.4.2017, p. 364).";

(b) il-punt 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-mudell tal-folja tal-folder ta' informazzjoni, l-entrata 2.5.2 titħassar;

(ii) fin-noti ta' spjegazzjoni marbutin mal-iskeda tal-folder tal-informazzjoni, in-nota ta' spjegazzjoni ([5]) tiġi sostitwita b'dan li ġej

"([5]) Fil-każ tal-magni, indika d-dežinjazzjoni tat-tip tal-magna jew, fil-każ ta' tipi ta' magni f'familja ta' magni, it-Tip tal-Familja (FT) b'konformità mal-punt 4 tal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/656.";

(3) Il-Parti B hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 3.1, it-Tabella 1-1 tiġi emendata kif ġej:

(i) Il-Lista I tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"**LISTA I — Rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-unità tal-propulsjoni u ta' prestazzjoni ambjentali**

Appendiċi	Is-sistema jew il-komponent/l-unità teknika separata (STU)	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/985 (*) Numru tal-Anness	Kif emendat minn u/jew fl-istadju ta' implimentazzjoni
1	Sistema: installazzjoni ta' magna/familja ta' magni	I	
2	Sistema: livell ta' ħoss estern	II	
3	Komponent/STU: magna/familja ta' magni	I	

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/985 tat-12 ta' Frar 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-unità tal-propulsjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-magni tagħhom u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/96 (ĠU L 182, 18.7.2018, p. 1)."

(ii) Fil-Lista II, ir-ringiela 10 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"10	Komponent/STU: kompatibilità elettromanjetika tas-subassemblaġġi elettriċi / elettroniċi	XV"	

(b) il-punt 4.2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4.2. Fil-każ ta' dawk is-suġġetti msemmija fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 li nħarġulhom approvazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) jew ir-Regolamenti tan-NU/KEE msemmija fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 (l-approvazzjonijiet tan-NU/KEE), jew li huma bbażati fuq rapporti sħaħ tat-testijiet maħruġin abbażi tal-Kodiċijiet standard tal-OECD minflok fuq rapporti tat-testijiet imfasslin skont dak ir-Regolament u skont l-atti delegati adottati skont dak l-istess Regolament, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni mitluba fil-punt 5 biss jekk din ma tkunx mogħtija diġà fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni u/jew fir-rapport tat-test korrispondenti. Madankollu, l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat tal-konformità (fl-Anness III ta' dan ir-Regolament) għandha tingħata fi kwalunkwe każ

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE, (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

(**) Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1)."

(c) il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

(i) l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(ii) jitħassru l-entrati 2.5 sa 2.5.4.2;

(iii) jitħassru l-entrati 5.2. sa 5.5.;

(iv) l-entrati 6 sa 8.22.4.2. jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"6. IL-KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAL-MAGNA

6.1.7. Kategorija u subkategorija tal-magna ([7]): …

6.2.1. Ċiklu tal-Kombustjoni: ċiklu four stroke/ċiklu two stroke/rotatorju/oħrajn (speċifika) ([4]): …

6.2.2. Tip ta' Tqabbid: Tqabbid bil-kompressjoni/tqabbid bl-ispark ([4])

6.2.3.1. Għadd ta' ċilindri: … u l-konfigurazzjoni tagħhom ([26]):

6.2.8. Fjuwil

6.2.8.1. Tip ta' Fjuwil ([9]): ….

6.2.8.3. Lista ta' fjuwils addizzjonali, taħlitiet jew emulsjonijiet ta' fjuwils kompatibbli mal-użu mill-magna ddikjarata mill-manifattur skont il-punt 1.4 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654 (agħti referenza għall-istandard jew għall-ispeċifikazzjoni rikonoxxuti): .....

6.3.2.1. Veloċità nominali ddikjarata: … rpm

6.3.2.1.2. Potenza netta nominali ddikjarata: … kW

6.3.2.2. Veloċità tal-potenza massima: … rpm

6.3.2.2.2. Potenza netta massima: … kW

6.3.6.4. Ċilindrata totali tal-magna: … cm^3";

(v) l-entrata 10.4.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"10.4.2. Deskrizzjoni u/jew disinn tal-elementi tas-sistema tal-egżost li ma jiffurmawx parti mill-magna: .....";

(vi) l-entrati 11.1 sa 11.2.3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"11.1. Deskrizzjoni qasira u tpinġija skematika tas-sistema tal-mototrażmissjoni tal-vettura u s-sistema ta' kontroll tagħha (sistema tal-bdil tar-rapporti tat-trażmissjoni, kontroll tal-klaċċ jew kull element ieħor tas-sistema tal-mototrażmissjoni): …

11.2. Trażmissjoni

11.2.1. Deskrizzjoni qasira u tpinġija skematika tas-sistema/i tal-bdil tar-rapporti tat-trażmissjoni u s-sistema ta' kontroll tagħha: …

11.2.2. Dijagramma u jew tpinġija tas-sistema ta' trażmissjoni tal-potenza: …

11.2.3. Tip ta' trażmissjoni tal-potenza: Bil-gerijiet (inklużi settijiet ta' gerijiet planetarji/ biċ-ċineg / idrostatika / elettrika / tip ieħor [4] (jekk ta' tip ieħor, speċifika: …)";

(vii) l-entrata 11.2.8 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"11.2.8. Sistema tat-tibdil tar-rapporti tat-trażmissjoni: (Bdil tal-gerijiet) mekkaniku / (Bdil tal-gerijiet) bi klaċċ doppju / (Bdil tal-gerijiet) semiawtomatiku / (Bdil tal-gerijiet) awtomatiku / Trażmissjoni kontinwament varjabbli / idrostatika / mhux applikabbli / ieħor [4] (jekk ieħor, speċifika: …)";

(viii) l-entrata 43.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"43.2. Speċifikazzjonijiet tal-vettura f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċirkwiti ta' kontroll tal-linji ta' kontroll pnewmatiċi, idrawliċi u/jew elettriċi tas-sistemi tal-brejkijiet u lista tal-messaġġi u tal-parametri appoġġati: ……";

(ix) l-entrati 43.5 u 43.5.1 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"43.5. Trażmissjoni tal-ibbrejkjar (fuq vettura rmunkata)

43.5.1. Trażmissjoni tal-ibbrejkjar tas-sistema tal-ibbrejkjar tas-servizz fuq vettura rmunkata: mekkanika/pnewmatika/idrawlika/idrostatika mingħajr assistenza/b'assistenza/trażmissjoni assistita għalkollox [4]";

(x) l-entrata 43.5.3 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"43.5.3. Illokkjar tal-kontrolli ta' bbrejkjar tax-xellug u tal-lemin: iva/le [4]";

(xi) l-entrata 43.6 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"43.6. Apparat ta' kontroll tal-brejkijiet tal-vettura rmunkata (fuq il-vettura li tirmonka)";

(xii) jitħassru l-entrati 43.6.2 sa 43.6.5.

(xiii) jiddaħħlu l-entrati 43.6.2 sa 43.7.3.2.1 li ġejjin:

"43.6.2. Deskrizzjoni tal-konnetturi, l-akkoppjamenti u l-apparati ta' sikurezza (inklużi tpinġijiet, skeċċijiet u l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe parti elettronika): ……

43.6.2.1. Tip ta' konnessjoni pnewmatika: Żewġ linji/Xejn [4]

43.6.2.1.1. Pressjoni tal-provvista pnewmatika (żewġ linji): … kPa

43.6.2.1.2. Linja ta' kontroll elettriku: iva/le [4]

43.6.2.2. Tip ta' konnessjoni idrawlika: Linja waħda/Żewġ linji/Xejn [4]

43.6.2.2.1. Pressjoni tal-provvista idrawlika: Linja waħda: … kPa Żewġ linji: … kPa

43.6.2.2.2. Preżenza ta' konnettur ISO 7638:2003 [15]: iva/le [4]

43.7. Apparat tal-ibbrejkjar tal-vettura rmunkata (fuq il-vettura rmunkata)

43.7.1. Teknoloġija tas-sistema ta' kontroll ta' bbrejkjar tal-vettura rmunkata: Idrawlika / Pnewmatika/Elettrika/bl-Inerzja/Xejn [4]

43.7.2. Apparat ta' attwazzjoni tal-ibbrejkjar tal-vettura rmunkata: Tambur / Diska / Tip ieħor [4]

43.7.2.1. Deskrizzjoni u karatteristiċi: ……

43.7.3. Deskrizzjoni tal-konnetturi, l-akkoppjamenti u l-apparati ta' sikurezza (inklużi tpinġijiet, skeċċijiet u l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe parti elettronika): ……

43.7.3.1. Tip ta' konnessjoni pnewmatika: Żewġ linji/Xejn [4]

43.7.3.1.1. Linja ta' kontroll elettriku: iva/le [4]

43.7.3.2. Tip ta' konnessjoni idrawlika: Żewġ linji/Xejn ([4])

43.7.3.2.1. Preżenza ta' konnettur ISO 7638:2003 ([15]): iva/le ([4])";

(4) L-Appendiċi 1 huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(b) jitħassru l-entrati 2.5 sa 2.5.4.2;

(c) jitħassru l-entrati 5.2 sa 5.5;

(d) l-entrati 6 sa 8.22.4.2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"6. IL-KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAL-MAGNA

6.1.7. Kategorija u subkategorija tal-magna ([7]):

6.2.1. Ċiklu tal-Kombustjoni: ċiklu four stroke/ċiklu two stroke/rotatorju/oħrajn (speċifika) ([4]): …

6.2.2. Tip ta' Tqabbid: Tqabbid bil-kompressjoni/tqabbid bl-ispark ([4])

6.2.3.1. Għadd ta' ċilindri: … u l-konfigurazzjoni tagħhom ([26]):

6.2.8. Fjuwil

6.2.8.1. Tip ta' Fjuwil ([9]):

6.2.8.3. Lista ta' fjuwils addizzjonali, taħlitiet jew emulsjonijiet ta' fjuwils kompatibbli mal-użu mill-magna ddikjarata mill-manifattur skont il-punt 1.4 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654 (agħti referenza għall-istandard jew għall-ispeċifikazzjoni rikonoxxuti): .....

6.3.2.1. Veloċità nominali ddikjarata: … rpm

6.3.2.1.2. Potenza netta nominali ddikjarata: … kW

6.3.2.2. Veloċità tal-potenza massima: … rpm

6.3.2.2.2. Potenza netta massima: … kW

6.3.6.4. Ċilindrata totali tal-magna: … cm^3"

(5) L-Appendiċi 2 huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(b) jitħassru l-entrati 2.5 sa 2.5.4.2;

(c) jitħassru l-entrati 5.2 sa 5.5;

(d) l-entrati 6 sa 6.3.6.4 li ġejjin jiddaħħlu qabel l-entrata 10:

"6. IL-KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAL-MAGNA

6.1.7. Kategorija u subkategorija tal-magna ([7]):

6.2.1. Ċiklu tal-Kombustjoni: ċiklu four stroke/ċiklu two stroke/rotatorju/oħrajn (speċifika) ([4]): …

6.2.2. Tip ta' Tqabbid: Tqabbid bil-kompressjoni/tqabbid bl-ispark ([4]):

6.2.3.1. Għadd ta' ċilindri: … u l-konfigurazzjoni tagħhom ([26]):

6.3.2.1. Veloċità nominali ddikjarata: … rpm

6.3.2.1.2. Potenza netta nominali ddikjarata: … kW

6.3.2.2. Veloċità tal-potenza massima: … rpm

6.3.2.2.2. Potenza netta massima: … kW

6.3.6.4. Ċilindrata totali tal-magna: … cm³"

(e) jiżdiedu l-entrati 11 sa 11.4 li ġejjin:

"11. SISTEMA TAL-MOTOTRAŻMISSJONI U KONTROLL (13)

11.1. Deskrizzjoni qasira u tpinġija skematika tas-sistema tal-mototrażmissjoni tal-vettura u s-sistema ta' kontroll tagħha (sistema tal-bdil tar-rapporti tat-trażmissjoni, kontroll tal-klaċċ jew kull element ieħor tas-sistema tal-mototrażmissjoni): …

11.2. Trażmissjoni

11.2.1. Deskrizzjoni qasira u tpinġija skematika tas-sistema/i tal-bdil tar-rapporti tat-trażmissjoni u s-sistema ta' kontroll tagħha: …

11.2.2. Dijagramma u jew tpinġija tas-sistema ta' trażmissjoni tal-potenza: …

11.2.3. Tip ta' trażmissjoni tal-potenza: Bil-gerijiet (inklużi settijiet ta' gerijiet planetarji/ biċ-ċineg / idrostatika / elettrika / tip ieħor (4) (jekk ta' tip ieħor, speċifika: …)

11.2.4. Deskrizzjoni qasira tal-komponenti elettriċi jew elettroniċi (jekk hemm): …

11.2.5. Post f'relazzjoni mal-magna: …

11.2.6. Metodu ta' kontroll: …

11.2.7. Kaxxa tat-trasferiment bi/mingħajr (4)

11.2.8. Sistema tat-tibdil tar-rapporti tat-trażmissjoni: (Bdil tal-gerijiet) mekkaniku / (Bdil tal-gerijiet) bi klaċċ doppju / (Bdil tal-gerijiet) semiawtomatiku / (Bdil tal-gerijiet) awtomatiku / Trażmissjoni kontinwament varjabbli / idrostatika / mhux applikabbli / ieħor (4) (jekk ieħor, speċifika: …)

11.3. Klaċċ (jekk preżenti)

11.3.1. Deskrizzjoni qasira u tpinġija skematika tal-klaċċ u s-sistema ta' kontroll tiegħu:

11.3.2. Konverżjoni massima tat-torque:

11.4. Proporzjonijiet tal-gerijiet

Gerijiet	Proporzjonijiet interna tal-gearbox (proporzjonijiet tar-rivoluzzjonijiet tal-magna għal rivoluzzjonijiet tax-xaft tal-output tal-gearbox)	Proporzjonijiet tal-kaxxa tat-trasferiment interna (proporzjonijiet tar-rivoluzzjonijiet tal-magna għal rivoluzzjonijiet tax-xaft tal-output tal-kaxxa tat-trasferiment)	Proporzjon(ijiet) tat-trażmissjoni finali (proporzjon tar-rivoluzzjonijiet tax-xaft tal-output tal-gearbox għal rivoluzzjonijiet tar-roti motorizzati)	Total tal-proporzjonijiet tal-gerijiet	Proporzjon (veloċità tal-magna/veloċita tal-vettura) għal trażmissjoni manwali biss
Massima għas-CVT (*)					
1					
2					
3					
…					
Minima għas-CVT (*)					
Reverse					
1					
…					

(*) Trażmissjoni kontinwament varjabbli."

(6) L-Appendiċi 3 huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip (6): …";

(b) jitħassru l-entrati 2.5 sa 2.5.4.2;

(c) jitħassru l-entrati 5.2 sa 5.5;

(d) l-entrati 6 sa 8.22.4.2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"6. IL-KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAL-MAGNA

6.1.7. Kategorija u subkategorija tal-magna ([7]):

6.2.1. Ċiklu tal-Kombustjoni: ċiklu four stroke/ċiklu two stroke/rotatorju/oħrajn (speċifika) ([4]): …

6.2.2. Tip ta' Tqabbid: Tqabbid bil-kompressjoni/tqabbid bl-ispark ([4]):

6.2.3.1. Għadd ta' ċilindri: … u l-konfigurazzjoni tagħhom ([26]):

6.2.8. Fjuwil

6.2.8.1. Tip ta' Fjuwil ([9]): …

6.2.8.3. Lista ta' fjuwils addizzjonali, taħlitiet jew emulsjonijiet ta' fjuwils kompatibbli mal-użu mill-magna ddikjarata mill-manifattur skont il-punt 1.4 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/654 (agħti referenza għall-istandard jew għall-ispeċifikazzjoni rikonoxxuti): .....

6.3.2.1. Veloċità nominali ddikjarata: … rpm

6.3.2.1.2. Potenza netta nominali ddikjarata: … kW

6.3.2.2. Veloċità tal-potenza massima: … rpm

6.3.2.2.2. Potenza netta massima: … kW

6.3.6.4. Ċilindrata totali tal-magna: … cm^3"

(7) fl-Appendiċi 4, l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(8) fl-Appendiċi 5, l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(9) fl-Appendiċi 6, l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(10) fl-Appendiċi 7, l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(11) fl-Appendiċi 8, l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(12) fl-Appendiċi 9, l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(13) L-Appendiċi 10 huwa emendat kif ġej:

(a) It-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Appendiċi 10*

Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-kompatibbiltà elettromanjetika tas-subassemblaġġi elettriċi jew elettroniċi bħala komponent/unità teknika separata (STU)"

(b) l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(14) fl-Appendiċi 11, l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(15) fl-Appendiċi 12, l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(16) fl-Appendiċi 13, l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(17) fl-Appendiċi 14, l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(18) L-Appendiċi 15 huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(b) jitħassru l-entrati 5.2 sa 5.4;

(c) l-entrati 6. sa 7.1.1 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"6. IL-KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAL-MAGNA

6.1.7. Kategorija u subkategorija tal-magna ([7]): …

6.2.1. Ċiklu tal-Kombustjoni: ċiklu four stroke/ċiklu two stroke/rotatorju/oħrajn (speċifika) ([4]): …

6.2.2. Tip ta' Tqabbid: Tqabbid bil-kompressjoni/tqabbid bl-ispark ([4])

6.2.3.1. Għadd ta' ċilindri: … u l-konfigurazzjoni tagħhom ([26]):

6.3.2.1. Veloċità nominali ddikjarata: … rpm

6.3.2.1.2. Potenza netta nominali ddikjarata: … kW

6.3.2.2. Veloċità tal-potenza massima: … rpm

6.3.2.2.2. Potenza netta massima: … kW

6.3.6.4. Ċilindrata totali tal-magna: … cm^3"

(d) l-entrati 11.1 sa 11.2.3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"11.1. Deskrizzjoni qasira u tpinġija skematika tas-sistema tal-mototrażmissjoni tal-vettura u s-sistema ta' kontroll tagħha (sistema tal-bdil tar-rapporti tat-trażmissjoni, kontroll tal-klaċċ jew kull element ieħor tas-sistema tal-mototrażmissjoni): …

11.2. Trażmissjoni

11.2.1. Deskrizzjoni qasira u tpinġija skematika tas-sistema/i tal-bdil tar-rapporti tat-trażmissjoni u s-sistema ta' kontroll tagħha: …

11.2.2. Dijagramma u jew tpinġija tas-sistema ta' trażmissjoni tal-potenza: …

11.2.3. Tip ta' trażmissjoni tal-potenza: Bil-gerijiet (inklużi settijiet ta' gerijiet planetarji/ biċ-ċineg / idrostatika / elettrika / tip ieħor ([4]) (jekk ta' tip ieħor, speċifika: …)";

(e) l-entrata 11.2.8 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"11.2.8. Sistema tat-tibdil tar-rapporti tat-trażmissjoni: (Bdil tal-gerijiet) mekkaniku / (Bdil tal-gerijiet) bi klaċċ doppju / (Bdil tal-gerijiet) semiawtomatiku / (Bdil tal-gerijiet) awtomatiku / Trażmissjoni kontinwament varjabbli / idrostatika / mhux applikabbli / ieħor ([4]) (jekk ieħor, speċifika: …)";

(f) l-entrata 43.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"43.2. Speċifikazzjonijiet tal-vettura f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċirkwiti ta' kontroll tal-linji ta' kontroll pnewmatiċi, idrawliċi u/jew elettriċi tas-sistemi tal-brejkijiet u lista tal-messaġġi u tal-parametri appoġġati: …";

(g) l-entrati 43.5 u 43.5.1 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"43.5. Trażmissjoni tal-ibbrejkjar (fuq vettura rmunkata)

43.5.1. Trażmissjoni tal-ibbrejkjar tas-sistema tal-ibbrejkjar tas-servizz fuq vettura rmunkata: mekkanika/pnewmatika/idrawlika/idrostatika mingħajr assistenza/b'assistenza/trażmissjoni assistita għalkollox ([4])";

(h) l-entrati 43.5.3 u 43.6 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"43.5.3. Illokkjar tal-kontrolli ta' bbrejkjar tax-xellug u tal-lemin: iva/le ([4])

43.6. Apparat ta' kontroll tal-brejkijiet tal-vettura rmunkata (fuq il-vettura li tirmonka)";

(i) l-entrati 43.6.2 sa 43.6.5 huma sostitwiti bl-entrati 43.6.2. sa 43.7.3.2.1. li ġejjin:

"43.6.2. Deskrizzjoni tal-konnetturi, l-akkoppjamenti u l-apparati ta' sikurezza (inklużi tpinġijiet, skeċċijiet u l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe parti elettronika): .....

43.6.2.1. Tip ta' konnessjoni pnewmatika: Żewġ linji/Xejn ([4])

43.6.2.1.1. Pressjoni tal-provvista pnewmatika (żewġ linji): … kPa

43.6.2.1.2. Linja ta' kontroll elettriku: iva/le ([4])

43.6.2.2. Tip ta' konnessjoni idrawlika: Linja waħda/Żewġ linji/Xejn ([4])

43.6.2.2.1. Pressjoni tal-provvista idrawlika: Linja waħda: … kPa Żewġ linji: … kPa

43.6.2.2.2. Preżenza ta' konnettur ISO 7638:2003 ([15]): iva/le ([4])

43.7. Apparat tal-ibbrejkjar tal-vettura rmunkata (fuq il-vettura rmunkata)

43.7.1. Teknoloġija tas-sistema ta' kontroll ta' bbrejkjar tal-vettura rmunkata: Idrawlika / Pnewmatika/Elettrika/bl-Inerzja/Xejn ([4])

43.7.2. Apparat ta' attwazzjoni tal-ibbrejkjar tal-vettura rmunkata: Tambur / Diska / Tip ieħor ([4])

43.7.2.1. Deskrizzjoni u karatteristiċi: .....

43.7.3. Deskrizzjoni tal-konnetturi, l-akkoppjamenti u l-apparati ta' sikurezza (inklużi tpinġijiet, skeċċijiet u l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe parti elettronika): .....

43.7.3.1. Tip ta' konnessjoni pnewmatika: Żewġ linji/Xejn ([4])

43.7.3.1.1. Linja ta' kontroll elettriku: iva/le ([4])

43.7.3.2. Tip ta' konnessjoni idrawlika: Żewġ linji/Xejn ([4])

43.7.3.2.1. Preżenza ta' konnettur ISO 7638:2003 ([15]): iva/le ([4])";

(19) L-Appendiċi 16 huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata 2.2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2.2. Tip ([6]): …";

(b) l-entrati 6 sa 6.3.6.4 li ġejjin jiddaħħlu qabel l-entrata 48.:

"6. IL-KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAL-MAGNA

6.1.7. Kategorija u subkategorija tal-magna ([7]): …

6.2.1. Ċiklu tal-Kombustjoni: ċiklu four stroke/ċiklu two stroke/rotatorju/oħrajn (speċifika) ([4]): …

6.2.2. Tip ta' Tqabbid: Tqabbid bil-kompressjoni/tqabbid bl-ispark ([4])

6.2.3.1. Għadd ta' ċilindri: … u l-konfigurazzjoni tagħhom ([26]):

6.3.2.1. Veloċità nominali ddikjarata: … rpm

6.3.2.1.2. Potenza netta nominali ddikjarata: … kW

6.3.2.2. Veloċità tal-potenza massima: … rpm

6.3.2.2.2. Potenza netta massima: … kW

6.3.6.4. Ċilindrata totali tal-magna: … cm³";

(c) l-entrati 11 sa 11.4 li ġejjin jiddaħħlu qabel l-entrata 48.:

"11. SISTEMA TAL-MOTOTRAŻMISSJONI U KONTROLL ([13])

11.1. Deskrizzjoni qasira u tpinġija skematika tas-sistema tal-mototrażmissjoni tal-vettura u s-sistema ta' kontroll tagħha (sistema tal-bdil tar-rapporti tat-trażmissjoni, kontroll tal-klaċċ jew kull element ieħor tas-sistema tal-mototrażmissjoni): …

11.2. Trażmissjoni

11.2.1. Deskrizzjoni qasira u tpinġija skematika tas-sistema/i tal-bdil tar-rapporti tat-trażmissjoni u s-sistema ta' kontroll tagħha: …

11.2.2. Dijagramma u jew tpinġija tas-sistema ta' trażmissjoni tal-potenza: …

11.2.3. Tip ta' trażmissjoni tal-potenza: Bil-gerijiet (inklużi settijiet ta' gerijiet planetarji/ biċ-ċineg / idrostatika / elettrika / tip ieħor ([4]) (jekk ta' tip ieħor, speċifika: …)

11.2.4. Deskrizzjoni qasira tal-komponenti elettriċi jew elettroniċi (jekk hemm): …

11.2.5. Post f'relazzjoni mal-magna: …

11.2.6. Metodu ta' kontroll: …

11.2.7. Kaxxa tat-trasferiment bi/mingħajr ([4])

11.2.8. Sistema tat-tibdil tar-rapporti tat-trażmissjoni: (Bdil tal-gerijiet) mekkaniku / (Bdil tal-gerijiet) bi klaċċ doppju / (Bdil tal-gerijiet) semiawtomatiku / (Bdil tal-gerijiet) awtomatiku / Trażmissjoni kontinwament varjabbli / idrostatika / mhux applikabbli / ieħor ([4]) (jekk ieħor, speċifika: …)

11.3. Klaċċ (jekk preżenti)

